A.L. 48 tal-2022

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bżonn ta' Ċertifikat Validu ta' Tilqima Rikonoxxuta kontra l-COVID-19

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bżonn ta' Ċertifikat ta' Tilqima Rikonoxxuta kontra l-COVID-19 u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar il-Bżonn ta' Ċertifikat Validu ta' Tilqima Rikonoxxuta kontra l-COVID-19, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.69.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2022 u għandhom jissostitwixxu kwalunkwe regolament li jmorru kontra l-istess:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Frar 2022, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Sabiex persuna taċċessa kwalunkwe:

(a) bar;

(b) ċinema;

(ċ) teatru;

(d) każinò jew sala tat-tombla jew fond għal-logħob kontrollat;

(e) avveniment sportiv;

(f) gymansium u ċentru tal-*fitness*;

(g) pixxina pubblika, spa jew sauna;

(h) avveniment tal-massa organizzat;

(i) wirja,

hija għandu jkollha fil-pussess tagħha ċertifikat validu ta' tilqima rikonoxxuta skont il-kriterji applikabbli kif imfissra fl-istandards maħruġa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' fl-istandards maħruġa minnu jindika persuni u, jew kategoriji ta' persuni li huma eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament.".